**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgħa, 26 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 15/2025 JVC**

**Anatoly Sergeevich Knyazev (K.I.0317619L)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrent Anatoly Sergeevich Knyazev talab kif isegwi:

1. ’Illi l-esponent huwa rreġistrat bħala ċittadin Malti bl-isem Anatoly Sergeevich Knyazev u dan skont l-anness att tat-twelid hawn immarkat bħala **Dok.A.**

2. Illi d-dokumenti kollha tal-esponent li ġew maħruġa f’Malta, fosthom il-Karta tal-Identita’, l-Att taż-Żwieġ u il-Passaport Malti kollha nħarġu bl-isem ta’ Anatoly Sergeevich Knyazev, u li t-tieni isem u ċioe’ ‘Sergeevich’, huwa l-isem ta’ missieru li skond il-prassi ġewwa r-Russja jitniżżel fid-dokumenti uffiċjali. Id-dokumenti msemmija qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati **Dok.B, Dok.Ċ,** u **Dok.D** rispettivament.

3. Illi minkejja dan, ir-rikorrent tul ħajtu dejjem kien magħruf bħala Anatoly Knyazev u għalhekk huwa jixtieq li jsiru l-korrezzjonijiet f’ismu sabiex jiġi rikonoxxut f’Malta bħala Anatoly Knyazev mingħajr it-tieni isem ‘Sergeevich’ u dan sabiex id-dokumenti uffiċjali jirriflettu l-isem li ilu juża tul ħajtu kollha. In fatti fil-passaport Russu tar-rikorrent l-isem ‘Sergeevich’ m’huwiex mniżżel. Kopja tal-passaport Russu hawn anness u mmarkat bħala **Dok.E.**

4. Illi minħabba f’hekk ir-rikorrent qed jagħmel din l-umli talba sabiex formalment jiġi rikonoxxut bħala Anatoly Knyazev u sabiex sussegwentement jsiru il-proċeduri neċessarji sabiex f’kull att, dokument u/jew ċertifikat li huwa ġie mniżżel bħala ‘Anatoly Sergeevich Knyazev’ jiġi sostitwit bl-isem ‘Anatoly Knyazev’.

5. Illi r-rikorrent ma setgħax jirreġistra d-dokumenti uffiċjali tiegħu ġewwa Malta mingħajr it-tieni isem u dan biex jiġi evitat xi kwistjoni ta' identita' doppja.

6. Illi fid-dawl tas-suespost jeħtieġ li jsir korrezzjoni sabiex it-tieni isem tal-esponent, u ċioe' dak 'Sergeevich' jiġi mneħħi minn kull dokumentazzjoni uffiċjali li jappartjeni lilu.

Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li r-rikorrent għandu jiġi msejjaħ bħala 'Anatoly Knyazev';
2. Tordna l-korrezzjoni tal-att ta' twelid tiegħu jibda jinqara 'Anatoly Knyazev' u dan ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili.
3. Tordna l-korrezzjoni tal-att taż-żwieg tiegħu jibda jinqara 'Anatoly Knyazev' u dan ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili.
4. Tordna l-korrezzjoni tal-karta tal-identita tiegħu tibda tinqara bħala 'Anatoly Knyazev' u dan ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili.
5. Tordna l-korrezzjoni tal-passaport Malti tiegħu sabiex jibda jinqara bħala 'Anatoly Knyazev' u dan ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili.
6. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jdaħħal l-annotazzzjoni meħtieġa fil-marġini tal-imsemmija Atti tat-Twelid kif ukoll fl-att taż-Żwieġ ai termini tal-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent qiegħed irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

4. Illi skont **l-Att tat-Twelid** bin-numru **3176/2018** (anness u mmarkat **Dok. DRP 1**)**,** jidher illi l-attur twieled ġewwa l-Unjoni Sovjetika nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju 1984, lil **'Sergey Yuryevich Knyazev'** u **'Irina Anatolevna Knyazeva'**, fejn ingħata l-isem '**Anatoly Sergeevich**' u l-kunjom '**Knyazev**'. L-Att tat-Twelid esteru ġie reġistrat skont l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kap. 16) fejn l-esponent Direttur kien obbligat jirreplika l-partikolaritajiet kollha ndikati fuq l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tiegħu għal-lingwa Ingliża *ad verbatim.* Di piu', tali partikolaritajiet, inkluż isem u kunjom l-attur ġew anke konfermati fuq it-talba għar-reġistrazzjoni tat-twelid u l-konferma bil-miktub taċ-ċittadinanza Maltija, u għalhekk ċertament ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid suċitat;

5. Illi l-attur ġie ndikat bl-istess isem u kunjom fuq **l-Att taż-Żwieg** tiegħu bin-numru **1214/2019** (anness u mmarkat **Dok.**

**DRP 2**) u fuq **l-Atti tat-Twelid** taż-żewġt itfal tiegħu, bin-numri **3175/2019** u **3177/2019** (annessi u mmarkati bħala **Dok. DRP 3** u **Dok. DRP 4** rispettivament). Dawn l-Atti ta' Stat Ċivili ġew reġistrati ġewwa Malta skont l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u għaldaqstant ma jistax jingħad li sar xi żball mill-esponent Direttur;

6. Illi l-attur qiegħed jisħaq li tul ħajtu huwa minn dejjem kien magħruf biss bl-isem **'Anatoly'**, u cioe', mingħajr it-tieni isem patronimiku tiegħu **'Sergeevich'**. Madanakollu, l-attur ippreżenta biss kopja tal-passaport Russu tiegħu, sabiex isaħħah il-pożizzjoni tiegħu;

7. Illi in vista tal-premess, l-esponent jirrileva ukoll illi għal xi raġuni mhux magħrufa minnu, l-passaport Russu jindika li isem l-attur huwa **'Anatoli'** u mhux **'Anatoly'**, għal kuntrarju ta' dak li qiegħed jisħaq l-attur fir-rikors ġuramentat u fl-affidavit tiegħu;

8. Illi fir-rigward **tal-ewwel talba,** u fejn applikabbli, għandha ssir korrezzjoni tant illi isem l-attur, hekk kif jidher fuq dokument preżentat minnu, ċioe' l-passaport Russu tiegħu, huwa indikat bħala **'Anatoli' u mhux 'Anatoly'**;

9. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur għandu jippreżenta dokumenti li jikkonfermaw li matul ħajtu huwa minn dejjem uża l-isem **'Anatoli'** biss, stante illi għal kuntrarju ta' dak eċċepit fl-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur preżenta biss kopja tal-passaport Russu u affidavit, u ma ppreżentax dokumentazzjoni addizzjonali li turi li l-attur kien konsistentement magħruf bl-isem 'Anatoli';

10. Illi sabiex jikkostitwixxu l-aħjar prova f'għajnejn il-liġi, l-attur għandu jippreżenta kopji awtentikati tal-karti tal-identita', u l-passaporti Russi u Maltin tiegħu;

11. Illi fir-rigward **tat-tieni u t-tielet talba**, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni mressqa mill-esponent in vista tal-isem użat mill-attur, l-attur għandu jindika permezz ta' referenza għan-numru progressiv u s-sena, ta' kull Att ta' Stat Ċivili rispettiv li fuqu qiegħed jitlob li ssir korrezzjoni;

12. Illi fir-rigward **tar-raba' u l-ħames talba**, l-esponent Direttur qiegħed joġġezzjona stante illi huwa għandu biss is-setgħa legali li jagħmel korrezzjonijiet fuq Atti ta' Stat Ċivili fil-pussess tiegħu, u mhux fuq passaporti u karti tal-identita' li mhux klassifikati bħala Atti ta' Stat Ċivili, u b'hekk m'humiex fil-pussess tal-esponent Direttur;

13. Illi fir-rigward **tas-sitt talba**, l-attur għandu jagħmel korrezzjoni tagħha tant illi huwa għamel riferenza għall-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, liema Artikolu unikament jittratta korrezzjonijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tar-Revisjoni tal-Atti Notarili, u mhux ta' din l-Onorabbli Qorti;

14. Illi *di piu'* l-attur naqas milli jindika jekk it-tibdil f'ismu, kemm il-darba t-talbiet tiegħu jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti, għandux jiġi rifless ukoll fuq l-Atti ta' Stat Ċivili rispettivi ta' wliedu bin-numri **3175/2019** u **3177/2019** fejn huwa mniżżel bħala l-missier. Għaldaqstant, sakemm ma ssirx talba addizzjonali mill-attur, l-esponent Direttur ma jkunx f'pożizzjoni li jkun jista' jagħmel annotazzjonijiet addizzjonali fuq l-Atti ta' Stat Ċivili in kwistjoni;

15. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent Direttur;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 11 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat fosthom il-karta tal-identita' tal-istess rikorrent u l-affidavit tiegħu fejn huwa jispjega illi l-isem 'Sergeevich' fir-Russja huwa intiż sabiex juri isem il-missier u mhux ikkunsidrat bħala parti minn isem il-persuna.

Rat ukoll l-affidavits esebiti fl-atti ta' diversi familjari tal-istess rikorrent illi kollha jikkonfermaw illi huwa magħruf bl-isem ta' Anatoly u mhux bl-isem ta' Anatoly Sergeevich.

Illi dwar l-eċċezzjoni li tqajmet mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li effettivament bi lingwa Russa l-isem jinkiteb bħala 'Anatoli' filwaqt li bi lingwa Ingliża jidher li jitniżel 'Anatoly', għalhekk it-talba hija bl-ittra 'y'. Dwar dan l-partijiet fehmu u vverifikaw li effettivament l-alfabett Russu ma jippermettix l-ittra 'y' u għalhekk meta ssir *translation* mill-Ingliż għar-Russu din tinqeleb għall-ittra

‘i’ u bil-kontra mir-Russu għall-Ingliż ‘y’. Ghal din ir-raguni l-Qroti ser tiċħad din l-eċċezzjoi.

Illi in vista ta’ dan kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa’ l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta’ u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni kif dedotta;

4. Tilqa’ it-tielet talba kif dedotta;

5. Tiċħad ir-raba’ talba għar-raġuni li l-karta tal-identita’ ma taqax fil-poter tad-Direttur intimat għalkemm il-korrezzjoni għandha tkun waħda awtomatika wara li jinbidel iċ-ċertifikat.

6. Tiċħad il-ħames talba għar-raġuni li l-passaport ma jaqax fil-poter tad-Direttur intimat għalkemm anki f’dan il-kaz il-korrezzjoni għandha tkun waħda awtomatika wara lil jinbidel ċ-ċertifkat.

7. Tilqa’ s-sitt talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jdaħħal l-annotazzzjoni meħtieġa fil-marġini tal-

imsemmija Atti tat-Twelid kif ukoll fl-att taż-Żwieġ ai termini tal-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili.'

8. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Frar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**26 ta' Frar 2025**